**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Pace**

Numru: 22/2010

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Pace,** ta' disgha u hamsin (59) sena, iben Joseph u Beatrice nee' Xuereb, imwieled Xewkija, Ghawdex, nhar il-5 ta' Ottubru 1950, residenti fil-fond numru 19, Vo Rogue, Triq Tonin Mallia Venon, Xewkija u detentur tal-karta taI-identita bin-numru 76350(G), akkuzat;

1. Talli nhar id-19 ta' Frar 2010, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16.00hrs) gewwa ta' Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph

Pace (I.D. No. 8652G), u dan skont certifikat mediku mahrug minn Dr. M. Portelli MD;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Joseph Pace (I.D. No. 8652G), sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi kontra n-nies;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Joseph Pace (I.D. No. 8652G) fit-triq sabiex iweggghu jew jinsultah;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kumrnissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 73) datata 20 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat John Pace biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-Artikoli 214, 216(1)(a)(b), 217 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(I) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 ta-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 197), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Ottubru 2010, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li

l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta' Ottubru 2010, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'garanzija personali fil-konfront ta' Joseph Pace taht penali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**